MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' April, 2008

Numru 312/2008

Il- Pulzija
(Spettur Tony Cachia u
Spettur Edel Mary Camilleri)

-vs-

Maria Matei,
Nicolae Miclescu,
Emil Miclescu u
Nicolae Matei

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Maria Matei, ta' 34 sena, bint Stefan Gonic u Argintina, imwielda Vilcae (Romania), nhar id-29 ta' Ottubru, 1973, residenti gewwa Vilcae (Romania), detentrici tal-Passaport Rumen numru 10488023 u tal-Karta ta' l-Identita' numru VX 214111.

U lil

Nicolae Miclescu, ta' 28 sena, bin Jon u Filareta, imwieled Vilcae (Romania), nhar il- 5 ta' Dicembru, 1979, residenti gewwa Vilcae, detentur tal-Passaport Rumen numru 10487352.

U lil

Emil Miclescu ta' 21 sena, iben Jon u Filareta, imwieled Vilcae nhar il-5 ta' April, 1987 residenti Vilcae, detentur tal-Passaport numru 10849970

U lil

Nicolae Mattei ta' 38 sena, iben Dimitru u Maria Teresa imwieled Vilcae nhar id-9 ta' Novembru, 1969 residenti Vicae detentur tal-Passaport bin-numru 12113835.

Akkuzat talli, nhar id-9 ta' April, 2008, gewwa Zebbug u postijiet ohra gewwa Malta, f'diversi hin ghamlu uzu xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema bi ksur tal-Artikolu 298 (c) tal-Kapitolu 9.

Rat l-artikolu 298(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati kollha ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom anke wara li l-Qorti tghathom zmien jikkunsidraw il-pozizjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat l-koperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fatt li l-imputati kkumpensaw lill-parte civile.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikolu 298(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghall-piena ta' prigunerija ghal perjodu ta' sitt (6) xhur kull wiehed liema perjodu b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigi sospiz ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghhom taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huma jikkommettu matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta'l-oggetti esebieti a karigu tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------